# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 3**

**Avviz numru 45/98mm**

**Carmelo Muscat**

**Vs**

**George Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fl-14 ta' Jannar, 1998, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attur is-somma ta' Lm621.67 ghal xoghol ta' alterazzjonijiet strutturali u bini pprestati lill-konvenut mill-attur u dana skond il-kwotazzjoni datata 29 ta' Gunju, 1997, u kont iehor addizzjonali datat 20 ta' Novembru, 1997, annessi u immarkati document AF01 u AF02.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm10 spejjez ta' pariri legali, bl-imghax min-notifika tal-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

Preliminarjament illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu minn din l-Onorabbli Qorti respinti bl-ispejjez kollha kontra l-attur;

Fil-meritu jinghad:

Illi x-xogholijiet imsemmija fl-avviz ma sarux skond is-sengha u l-arti kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi konsegwenza ta' dan kellu jitqabbad terza persuni sabiex jaghmel ix-xogholijiet rimedjali ghall-hsarat u xoghol difettuz maghmul mill-attur, bi spejjez zejda ghall-konvenut;

Illi mhux minnu illi saru xogholijiet *extra* li ma kienux miftehma fil-ftehim originali bejn il-partijiet u ghalhekk illi s-somma mitluba mill-konvenut hija ghal kollox wahda eccessiva.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Frar, 1998, (Fol. 11) fejn innominat lil Perit Rene' Buttigieg bhala tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija ezempju car tat-traskuragni u abbandun illi attur jista' jidhol fiha darba jitlef interess f'kawza. Dana ma kellux d-dicenza li almenu jidher darba quddiemha, filwaqt illi l-Qorti tifhem illi sakemm il-perit tekniku jkun ghaddej bl-inkarigu tieghu mhuwiex necessarju illi l-partijiet jidhru quddiem il-Qorti, pero' ghandha tippretendi li almenu ghal dik l-ewwel seduta qabel ma' tigi stradata l-kawza, l-partijiet, specjalment l-attur, ghandu juri nteress u jidher quddiemha halli jsegwi direttament l-andament tal-kawza tieghu. Dana mhux talli ma ghamlux, talli l-anqas l-avukat tieghu ma qaghad isegwi din il-kawza u l-ahhar darba illi deher kien biss fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 1998.

Il-Qorti ghandha x'ticcensura wkoll fl-operat tal-perit tekniku illi dana wkoll qatt ma deher quddiemha la biex isegwi d-differimenti u l-anqas jirrispondi ghall-komuniki illi din il-Qorti kienet qeghda tibaghatlu. Fill-fatt irrizulta mill-atti illi ntbaghatu zewg komuniki, wahda fl-10 ta' April, 2002, li ntbaghatet lill-perit tekniku u lill-avukat ta' l-attur u l-ohra ghall-ahhar seduta fit-23 ta' Mejju, 2002, fejn il-perit tekniku kellu jidher quddiem il-Qorti u jaghti l-ispjegazzjonijiet necessarji.

Minkejja kollox dan ma sarx u la l-perit u l-anqas l-avukat ta' l-attur ma dehru.

Il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza abbazi tal-provi illi hemm quddiemha. Dawna huma limitati biss ghall-zewg dokumenti a Fol. 2 u 3 tal-process illi jidhru kont mhux guramentat

ta' l-allegati pretenzjonijiet ta' l-attur.  Ovvjament fuq dawn id-dokumenti biss mhux ikkonfortati bil-gurament, il-Qorti ma tista' taghmel xejn.

Mhumiex bizzejjed biex ilahhqu dak il-grad ta' prova necessarja ghall-ezitu favorevoli ghall-istanza attrici.  La l-attur ma werhiex interess li jaghmel dak il-minimu necessarju biex imexxi l-quddiem il-kawza tieghu, mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tahli aktar zmien fuq it-talba tieghu.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit
Deputat Registratur